MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 751/1997/1

Eileen Montesin
vs
Chairman Telemalta, General Manager Xandir Malta u b’digriet tal-11 ta’ Ottubru 1999 gie korrett ghal Chairman Telemalta u Maltacom plc bhala successur tal-istess u General Manager Public Broadcasting Services Limited

Illum 28 ta’ Ottubru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrenti fit-30 ta’ Ottubru 1997 fejn wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1987 hija sofriet ingustizzja f’li giet diskriminata fl-impieg taghha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Hija kienet giet impjegata max-Xandir Malta li dak iz-zmien kienet tifforma parti mill-Korporazzjoni Telemalta fl-1980 fil-grad ta’ radio announcer.  Wara madwar erba’ snin kienet harget call for application ghal grad ta’ Producer I u hija kienet applikat ghal dan il-grad.  Wara li kienet resqet ghal interview kienet saret Producer I.  Matul dan il-perjodu hija kellha diversi programmi li kienet tipprezentahom hi kif ukoll tipproducihom .  Fl-1986 kienu hargu applikazzjonijiet ghal diversi gradi u hija kienet applikat ghal grad li kien imissha u fil-fatt kienet saret. Tixtieq tghid li hija kienet il-gurnata kollha okkupata bix-xoghol u kienet taghmlu b’kull responsabbilita` u fil-fatt anke kienet tiehu x-xoghol maghha d-dar.  L-ghada li kienet inbidlet l-Amministrazzjoni hija kienet dahhlet ghax-xoghol normali.  Hija tiftakar li kien baghat ghaliha s-Sur Maurice Tanti Burlo li kien Assistent ta’ Mannie Spiteri General Manager u staqsiha x’programmi ghandha.  Hija kellha dak iz-zmien programm tat-tfal fuq it-Television u zewg programmi fuq ir-radju.  Dan kien qalilha biex twaqqaf kollox minghajr l-ebda raguni, ghalkemm kienet spjegat li kellha zewg kompetizzjonijiet dan ma ta’ l-ebda widen u qalilha li n-Nazzjonalisti ma jridux jarawha.  Hija xtaqet tghid li ghal madwar disa’ snin hija kienet ibbojkotjata minn kulhadd inkluzi dawk tad-Dipartimenti li kienu jaghtuha x-xoghol ta’ prezentazzjoni.  Biex kompliet isostni li dawn kienu ingustizzji personali fuqha hija tghid li ghax sempliciment kienet tidher fir-riklam tas-Seleco TV dan gie imwaqqaf immedjatament.  Barra minn hekk ftit xhur wara saret taf li s-Sur Charles Arrigo kien ta’ ordni lil Camera Control Unit biex ihassru kull haga bhal plays etc li hija kienet tidher fihom.  Barra minn hekk, filwaqt li xogholha kien dak ta’ producer u min-natura tieghu fih hafna xoghol krejattiv, ir-rikorrenti giet eliminata totalment billi inghatat biss ftit xoghol repetittiv u monotonu biex tiddejjaq u tirrizenja.  Ir-rikorrenti tghid li barra li batiet finanzjarjament l-aktar li batiet kien psikologikament. Ghaldaqstant tikkonkludi li dawn l-ingustizzji saru maghha b’mottiv politiku peress li hija kienet dejjem attivista maghrufa ma’ Malta kollha ta’ partit politiku li dak iz-zmien kien fl-oppozizzjoni.

Illi hija kienet bi hsiebha ggib biex isostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju skond kif jidhirlu dan it-Tribunal u / jew kumpens skond il-ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta’ l-intimat Public Broadcasting Services Limited a fol 3 fejn wiegeb illi:

1. Illi preliminarjament, in-nullita` tar-rikors peress illi l-isem tal-kumpanija intimata huwa indikat bhala “Xandir Malta’ li bhala entita` ghaliha qatt ma ezistiet u qatt ma kellha General Manager.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha ghaz-zmien meta kull decizjoni kienet tittiehed mill-Korporazzjoni Telemalta, u ghaldaqstant Public Broadcasting Services Limited ma jista’ jkollha ebda responsabilita` fir-rigward u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi di piu` l-istess rikorrenti qatt ma kienet impjegata tal-kumpanija Public Broadcasting Services Limited izda mal-Korporazzjoni Telemalta, u ghalhekk ukoll ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tac-Chairman tal-Korporazzjoni Telemalta fejn wiegeb illi:

Illi l-korporazzjoni Telemalta cahdet li ghamlet xi ingustizzja b’rizultat ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew

preferenza indebita mar-rikorrenti jew li ddiskriminat kontriha fl-impjieg taghha.

Illi r-rikorrenti kienet impjegata ma Xandir Malta li llum hija responsabilita` tal-PBS Limited u mhux tal-Korporazzjoni Telemalta.

Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ghandhom iwiegbu ghalihom il-persuni indikati minnha bhala responsabbli mill-azzjonijiet li hija qeghdha tilmenta minnhom.

Ghaldaqstant il-Korporazzjoni Telemalta talbet li in kwantu jirreferu ghall-istess korporazzjoni, dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra taghha.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha il-PBS qajmet il-kwistjoni tan-nullita tar-rikors peress illi l-isem taghha gie citat hazin. B'digriet tal-11 ta' Ottubru 1999 l-isem gie sanat u l-eccezzjoni giet irtirata. Ghalhekk baqghu biss eccezzjonijiet fuq il-mertu. Irrizulta mill-provi illi r-rikorrenti kienet impjegata sa mill-1980 ma Xandir Malta bhala Radio Announcer. Fl-1984 saret Producer I u sa l-1987 lahqet il-grad ta' Producer II u kellha diversi programmi li kienet tipproduci u tipprezenta hi stess. Fosthom kien hemm programmi maghrufa bhala Qawsalla Muzikali, Nanna ghadek Tiftakar, Mid-Dinja ta' Galin, L-Ghazla Muzikali, Int Jiena u l-Merill u Kikku u Sika. Wara bidla fil-Gvern fl-1987 il-programmi kollha li kellha preparati twaqqfu u ma dhallitx aktar tidher fuq ix-Xandir. Giet trasferita f'sezzjoni tar-reklami ma' Xandir Malta fejn ma kienet qed taghmel xejn, qabadha depression u talbet transfer fejn marret it-Telemalta u inghatat desk job fil-branch tat-Telemalta B'Kara. Wara xi zmien irrizenjat ukoll u spiccat bla impjieg u tilfet il-karriera taghha fix-Xandir. Fortunatament din l-ahhar karriera giet salvata peress illi issa s-sitwazzjoni rrivertiet ghan-normal u r-

rikorrenti qeghda tahdem mal-PBS fit-taqsima tax-Xandir u ghandha l-programmi taghha u hija attiva hafna fil-qasam tax-Xandir.

Pero` jibqa’ l-fatt illi wara l-1987 ir-rikorrenti tilfet kull tama li kellha ghal xi xoghol max-Xandir mhux hekk biss talli kien hemm bojkott kontra taghha ghal disa’ snin shah u bdiet terga’ taghmel xi haga fl-1996.

Qabel ma’ t-Tribunal ikompli bil-prezzament tieghu tal-provi tajjeb li jispjega l-istruttura tat-Telemalta kif kienet qabel l-1991. Il-Korporazzjoni Telemalta kellha zewg funzjonijiet principali dik tat-telefonija u dik tax-Xandir. L-impjegati kollha ta’ Xandir Malta kienu jaqghu direttament taht ic-Chairman tat-Telemalta. Ix-Xandir Malta spiccat fl-1991 u assumiet l-assi, l-makkinarju u l-haddiema kollha ta’ Xandir Malta. Kienet pero` ghazla volontarja min-naha tal-haddiema illi jinghaqdu mal-PBS. Ghalhekk meta r-rikorrenti talbet it-transfer hija marret mat-Taqsima tat-telefonija tat-Telemalta u meta fondata il-PBS fl-1991 ma kinitx wahda minn dawk li volontarjament ghazlet illi tmur maghha u ghalhekk tilfet id-dritt li tahdem mal-PBS. Pero` jibqa’ l-fatt illi llum il-PBS huwa l-eredi legali ta’ Xandir Malta.

Ghal dak illi huwa trattament diskriminatorju t-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Tony Abela il-Kap tal-PBS a fol 80 u ta’ Mannie Spiteri Kap tat-Taqsima Xandir Malta u l-ewwel Chairman tal-PBS a fol 94. Meta dak ta’ l-ewwel gie ippressat biex jaghti r-raguni ghaliex wara l-1987 ir-rikorrenti twaqqfet hesrem milli tipproduci u tidher fuq it-television Abela qal illi ma jafx ir-raguni ufficjali x’kienet. It-Tribunal wisq jissuspetta illi kien hemm raguni mhux ufficjali ta’ tali decizjoni li hadd ma ssogra jghidha quddiem dana . Min-naha l-ohra, Mannie Spiteri a fol 94 jikkonferma li kienet l-attrici biss illi ssubiet din ir-reazzjoni daqshekk drastika mal-bidla tal-Gvern. Kien hemm ohrajn illi ssibew certa mizuri bhal perezempju Norman Hamilton izda almenu dan dhalla ghaddej sakemm spicca l-iskeda li kien ipprepara. Min-naha l-ohra Producers u Actors ohra bhal Anton Grasso ma waqfuhx u baqa’ ghaddej normali. Mannie Spiteri spjega illi meta

huwa sar Kap tat-Taqsima ta' Xandir Malta kellu principju li min kien Producer ma kellux jipprezenta jew ikun attur, u ghamilha cara mar-rikorrenti, pero` irrizulta illi kien hemm nies li baqghu jaghmluha ta' Producers u atturi. F'dan il-kuntest issemma wkoll Anton Grasso. Mannie Spiteri illum jirrikonoxxi illi r-rikorrenti qeda lura mal-PBS u qed taghmel xoghol bhala prezentatrici u bhala attrici liema xoghol iddiskrivih bhala abbli hafna.

Andrew Psaila a fol 110 Chief Executive tal-PBS ikkonferma illi r-rikorrenti qeda tipproduci l-programmi fuq it-television u hija kapaci biex tipproduci programm.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali t-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li mal-bidla fil-Gvern fl-1987 Eileen Montesin twaqqfet milli tkompli bil-programmi illi kellha mhejjija ghal fuq it-television. Irrizulta wkoll illi gimgha qabel l-elezzjoni kienet irrekordjat riklam ghad-ditta 'seleco' illi pero` mal-bidla fil-Gvern lanqas ixxandar. Ir-reazzjoni kontra r-rikorrenti kienet wahda drastika u immedjata, ma dhalliet tidher assolutament imkien u lanqas lehinha ma ssemma. Mhux hekk biss talli giet moghtija ordni li jithassru l-programmi kollha illi kellha. Illum il-file tar-rikorrenti m'ghadux jezisti mal-PBS, il-probabbilta hi li malli r-rikorrenti talbet it-transfer mat-Telemalta l-file mar maghha. Hu x'inhu dan mhuwiex importanti ghal fini ta' dan it-Tribunal. Il-fatt jibqa' illi r-rikorrenti ma nghatatx raguni valida u gusta ghal din ir-reazzjoni drastika fil-konfront taghha daqshekk vicin il-bidla fil-Gvern. Zgur li ma kinitx dovuta ghal xi nuqqas ta' professjonalita min-naha taghha ghax kull min hadem maghha bhal Mark Haber, Toni Abela, Mannie Spiteri kollha jghidu illi r-rikorrenti kienet kapaci hafna fil-qasam tax-xoghol taghha. Ghalhekk it-Tribunal isib illi l-vera raguni il-ghala giet moghtija dak it-trattament kien minhabba t-twemmin politiku taghha. A fol 33 ir-rikorrenti tghid li dak iz-zmien Maurice Tanti Burlo li kien wiehed mill-Administration tax-Xandir kien qalilha car u tond li n-Nazzjonalisti ma jridux jarawha. L-istess tikkonferma Carmen Demicoli a fol 77.

It-Tribunal ghalhekk jasal ghal konkluzjoni li ezatt mal-bidla fil-Gvern fl-1987 ir-rikorrenti kienet soggetta ghal azzjoni diskriminatorja minhabba t-twemmin politiku taghha. Liema azzjoni kienet tinvolvi t-twaqqif immedjat tal-programmi taghha kollha, illi ma tidhirx u lanqas tissemma fuq ix-Xandir u bojkott ghal disa' snin. Illum il-pozizzjoni hija sanata peress li r-rikorrenti tinsab f'relazzjonijiet tajba mal-PBS, li kif inghad hija l-eredi legali ta' Xandir Malta. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jghaddi biex jaghti il-kumpens illi jidhirlu li huwa xieraq meta wiehed jikkonsidra l-effetti ta' dan l-Att diskriminatorju fuq ir-rikorrenti. Peress illi l-PBS huwa s-successur ta' Xandir Malta u l-Maltacom hija s-successur tat-Telemalta t-Tribunal jidhirlu illi kwalunkwe kumpens irid jithallas minn dawn il-Korporazzjonijiet bejniethom. Ghalhekk it-Tribunal jordna illi l-intimati ihallsu s-somma ta' Lm500 kull wiehed lir-rikorrenti. Bl-ispejjez li jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------